MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2007

Appell Kriminali Numru. 200/2007

Il-Pulizija
(Spt. Paul Bond)
Vs
Anna Spiteri

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali, talli f’dawn il-Gzejjer u cioe’ fi Triq Karlu Darmanin, Mosta, nhar is-17 t’Ottubru, 2006, ghall-habta tas-6.50 hrs,
1. ingurjat u/jew heddet bi kliem lil Albino Said u lil Mario Spiteri;
2. volontarjament kisret il-paci pubblika b’ghajjat, storbju, glied u/jew b’mod iehor.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-15 ta’ Mejju, 2007, li biha, wara li rat l-Artikolu 339(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’

Malta, sabet lill-appellanti hatja tal-ewwel akkuza w ikkundannataha ammenda ta’ LM25. Wara li rat l-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellanti hatja tat-tieni akkuza w ikkundannataha ammenda ta’ LM10 u b’applikazzjoni ta’ l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, rabtet lill-appellanti b’obbligazzjoni personali taht penali ta’ LM100 ghal zmien tnax-il xahar (12) milli tkellem, timmolesta jew tivvessa lil Dr. Mario Spiteri u lill-familja tieghu u lil Albino Said.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fl-24 ta’ Mejju, 2007, li bih talbet li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata w tilliberaha minn kull htija w piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Rat illi l-aggravji tal-appellanti, fil-qosor huma s-segwenti w cioe':- 1. li ma rrizultax kliem ingurjuz u theddid fil-konfront ta' Mario Spiteri; 2. Li lill-Albino Said ma riedetx tingurjah imma dak li ghamlet kien "animus consulendi" 3. Li lanqas ma jikkonfigura r-reat ta' storbju ghax kien id-dawl tal-xemx u mhux bil-lejl u hi marret titkellem quddiem id-dar ta' zewgha u dan ma jikkostitwix ghajjat u glied. Li kien hemm bzonn li jixhed viva voce il-Pulizija li kien l-ghassa .

Semghet ix-xhieda mil-gdid waqt l-udjenza tat-12 ta' Lulju, 2007;

Rat id-Digriet taghha li bih cadhet it-talba tal-appellanti biex jixhed viva voce il-Pulizija (u cioe' PS 715 L. Gatt) li kien ipprezenta affidavit u dan peress li la quddiem l-Ewwel Qorti w lanqas quddiem din il-Qorti ma giet osservata l-formalita' preskritta bil-ligi fl-art. 360A tal-Kodici Kriminali, biex xhud li jkun ghamel affidavit jitharrek biex jixhed viva voce.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikonsidrat;

Illi mill-provi mismugha w cioe' mix-xiehda ta' Dr. Mario Spiteri, Albino Said u l-affidavit ta PS 715 Gatt jidher assodat li l-appellanti fis-17 t' Ottubru, 2006, f' xis-6.50 am, kienet marret quddiem id-dar ta' zewgha li minnu tinsab separata u b' vuci gholja lill-Albino Said, xufier ta' zewgha, ngurajtu billi qaltlu li jqahhab in-nisa u lil Dr. Spiteri ingurajtu billi qaltlu li jigri man-nisa. Inoltre lill-Albino Said qaltlu li jekk iwassal lit-tfal taghha bil-karozza aktar, ser ittajjru b' karozza w lil Dr. Spiteri qaltlu "Issa nhallsek." Dana kollu sar fit-triq.

Ghalhekk din il-Qorti m' ghandhiex l-icken dubju li z-zewg imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellanti jirrizultaw pruvati. Kien hemm kemm theddid u ingurji fil-konfront ta' zewgha w ta' Albino Said u li l-agir taghha kien jammonta ukoll ghall-kontravvenzjoni ta' min jiddisturba l-buon ordni jew il-paci pubblika (art. 338 (dd) ) li tahtu instabet hatja, ghad-distinzjoni tal-art. 338 (m) li jitkellem fuq min bil-lejl jikser il-mistrieh tan-nies, bi hsejjes jew ghajjat jew b' xi mod iehor. Hu ormai pacifiku fil-gurisprudenza taghna li din il-kontravvenzjoni taht l-art. 338 (dd) tissussisti meta mill-mod kif ikun qed igib ruhu l-imputat ikun jidher, ghal min ikun prezenti li hemm minaccja ghall-ordni pubbliku li jkun gie jew ser jigi disturbat bl-agir tieghu.

Kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta (per V. De Gaetano CJ) fl-Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Alfred Pisani" [5.5.1995] : " Ir-reat kontemplat fl-artikolu 338 (dd) tal-Kodici Kriminali javverra ruhu meta jkun hemm dak li fil- 'common law' Ingliza kien jissejjah 'a breach of the peace'. " …"Bhala regola ikun hemm il-kontravvenzjoni kontemplata fl-art. 338(dd) meta jkun hemm ghemil volontarju li minnu nnifsu jew minhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghemil isehh inissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f' mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta', kemm b' rizultat dirett ta' dak l-ghemil jew minnhabba l-possibilita' ta' rejazzjoni ghal dak l-ghemil." (ara wkoll "Il-Pulizija vs.

Lawrence Scicluna" [18.11.1994] u "Il-Pulizija vs. Nicholas Debono" [30.9.1994] App. Krim.)

Dan certament kien il-kaz f' dan l-incident.

Ikkonsidrat;

Jirrizulta li z-zewgt "itfal" tal-appellanti illum ma huma tfal xejn u wahda ghandha hamsa w ghoxrin sena w dentista u l-ohra ghandha dsatax il-sena u hi studentessa ghall-spizjara fl-universita'. B' dana kollu l-appellanti ma tridx li jwassalhom fuq ix-xoghol taghhom u l-Universita', Albino Said bil-karozza tal-Gvern, ghax qalet li dan ghandu reputazzjoni hazina. Tghid ukoll li hi pronta li twassalhom hi mid-dar ta' zewgha lejn fejn iridu jmorru anki biex ikollha opportunita' li tarhom ftit.

Jirrizulta wkoll mill-mod kif xehdet l-appellant li l-appellanti hija mara infelici hafna w thoss li qed tigi mwarrba minn dawk li l-aktar thobb, partikolarment miz-zewg uliedha xebbiet li ma jghixux maghha w li hija tixtieq li twassalhom hi anki biex ikollha xi ftit tal-kuntatt maghhom. Il-Qorti osservat li l-appellanti donna ghandha certi ossessjonijiet fejn jidhlu uliedha, ghalkemm hi indubbjament motivata genwinament b' dak l-interess f' dawk li jibqghu dejjem "it-tfal" taghha.

Pero' l-ghajjat fit-triq u l-ingurji ma jistghu qatt isiru "animus consulendi". Kien hemm modi ohra kif l-appellanti tressaq il-prejokkupazzjoni taghha dwar Albino Said ( fondata jew mhux fondata ghax bazata biss fuq "reputazzjoni") u zgur mhux dak li tmur taghmel xenata fit-triq quddiem id-dar ta' zewgha.

Ghalhekk din il-Qorti ma tarax li dak li ghamlet l-appellanti jista' jkun kondonabbli anki jekk kellha motivazzjoni genwina , ghalkemm dan jista' jkollu rifless fuq il-piena erogabbli.

Ghalkemm mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fl-erogazzjoni tal-piena sakemm din tkun tirrientra fil-parametri tal-ligi, kif indubbjament hu l-kaz fis-

sentenza appellata, din il-Qorti thoss li f' dan il-kaz familjari w patetiku, w anki wara li qieset il-kondotta incensurata tal-appellanti, jkun bizzejjed li tigi imposta fuq l-appellanti rabta b' obbligazzjoni biex tipprovdi ghas-sigurta ta' zewgha Dr. Mario Spiteri w ta' Albino Said, kif del resto gja ghamlet ukoll l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata w dana minnflok il-piena, kif jipprovdi li jista' jsir l-artikolu 383 (1) tal-Kodici Kriminali w mhux flimkien mall-piena kif sar fis-sentenza appellata.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell tal-appellanti limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabet lill-appellanti hatja tal-imputazzjonijiet dedotti kontra taghha w fejn, b-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, rabtet lill-appellanti b' obbligazzjoni personali taht penali ta' LM100 ghal zmien tnax (12) il-xahar, li ghandhom jibdew jiddekorru mill-lum, biex la tkellem, timmolesta jew tivvessa lil Dr. Mario Spiteri u lil familja tieghu u lil Albino Said, u tirrevokaha fejn ikkundannatha hamsa w ghoxrin lira (LM25) ammenda fuq l-ewwel imputazzjoni u ghaxar liri (LM10) ammenda fuq it-tieni imputazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------